KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4/2022

12 ta' April 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Maria Sultana

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment biex il-kunsill jagħmel minuta ta' silenzju għal dak li qed jiġri fil-gwerra tal-Ukranja bħala sens ta' solidarjeta' ma' dawk kollha li qed ibgħatu kaġun ta dan.

**4.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

4.1. Ma kelnix.

**4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

4.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

4.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Christopher Bruno u ssekondata mis-Sur Vince Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**4.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

4.3.A **Flus Mirbuħa mill-Malta Film Awards :** Is-Sindku qal illi l-flus u t-trofew għadhom mhux fi ħdan l-istess kunsill. Is-Sindku qal illi hemm bżonn illi l-kunsill jikteb formalment il-Ministru l-ġdid u kif ukoll il-Perm Sec li hemm fil-preżent wara t-tibdil li kien hemm wara l-elezzjoni ġenerali biex wieħed jara l-andament ta' din is-sitwazzjoni ħabba raġunijiet ovji. Is-Sindku żied jgħid illi veru l-Kalkara rebħet imma fil-prattika m'hemm xejn bil-miktub. Il-kunsill qabel ma' dak li ssuġerixxa s-Sindku u li għandu jsir dan mill-aktar fiss possibbli.

**B Aktar Diskussjonijiet mal-GHRC dwar il-moll tax-Xatt** : Is-Sindku informa l-kunsill dwar l-outcome tal-laqgħa li kellu aktar kmieni dan ix-xahar mal-persuni kkonċernati fuq il-proġett tax-Xatt, fejn wieħed iddiskuta anke lmenti li waslu fi ħdan is-Sindku personali u anke forsi lmenti li daħlu l-kunsill u anke mistoqsijiet abbinati mal-proġett tax-Xatt. Fost argumenti li ġew imqajma, ġew diskussi 'hooks' li kienu jeżistu qabel mal-moll l-antik fejn il-GHRC ikkonferma illi t-TM tgħat il-'go ahead' biex jerġgħu jsiru u jitwaħħlu mall-moll il-ġdid pero' għad hemm diskussjonijiet bejnietom minn min ser

ikunu imweħħlin. Ukoll ġiet diskussa l-kwistjoni tat-turġien fejn issa inbidel ftit biex ikun aktar aċċessibli minn qabel, dan jaf iġib tibdil għal min kien għamel użu mill-irbit mal-moll kif kien qabel. Ġiet diskussa wkoll il-kwistjoni ta' 'loading u unloading bay' li anke ġiet proposta mill-Viċi Sindku s-Sur Vincent Bongailas fejn dawn spjegawlna illi din xi ħaġa li trid tiġi applikata għaliha wara li dik in-naħa tkun lesta minn kollox mal-awtorita' kkonċernata 'l ghaliex f'dan l-istadju hija xi ħaġa frivola. Is-Sindku spjega illi huma kkonfermaw illi x-xogħol waqa' xi daqsxejn lura b'xi 4 gimgħat minħabba kumplikazzjonijiet fil-'pump room' li sabu matul ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal illi x'aktarx la darba l-karozzi jiġu 'diverted' mill-parti l-ġdida ta l-istess triq mhux ser tkun lesta minn kollox. Dan ifisser illi ċertu 'landscaping' mhux ser jitpoġġa minħabba raġunijiet ta' estetika sa ma' jitlesta l-proġett kollhu u jiġi inawgurat il-għaliex il-probabilta' hi illi n-naħa li tinfetaħ l-ewwel ser tkun tidher li qdiemet sa ma' tinfetaħħ fażi oħra. Is-Sur Bruno staqsa jekk hux sa Diċembru ser ikun hemm aċċess għal '3 phase supply' minħabba attivita' li tinkudi 'blood bank' li jkollu bżonn dan it-tip ta' supply. Is-Sindku qal illi ser ikun qed jiċċekja dwar dan.

**C PA/02207/22 – Latrina l-antika tax-Xewkijja** : Is-Sindku ġab dan il-permess quddiem il-kunsill biex wieħed jiddiskuti l-'way forward' tal-kunsill. Wara li s-Sur Bruno qal li jaf il-persuna li applika għall-permess u li għandu konnesjonijiet familjari miegħu, s-Sindku talab lis-Sur Bruno biex joħroġ mill-laqgħa minħabba xi kunflitt ta' interess li jista' jkollu fid-diskussjoni. Il-kunsillier s-Sur Bruno qabel perfettament ma' dan u għazel li joħroġ il-barra mill-laqgħa. Is-Sindku talab is-Seg Eżek tiċċekja sa meta wieħed jista' jdaħħal oġġezzjonijiet. Is-Sindku qal illi l-kunsill irid jieħu pożizzjoni fuq dan il-permess biex anke f'diskussjonijiet futuri, wieħed ikompli jibni fuq dak li din il-leġislatura ser tiddeċiedi. Is-Sindku talab lis-Seg Eżek iġġib kemm tista' informazzjoni possibli through il-Perit anke imqabbad mill-kunsill through il-'Planning Authority'.

**D Aġġornament dwar il-proċess tal-Bandli fi Triq is-Salvatur:** Is-Sindku informa l-kunsill illi l-permess tad-DNO qiegħed f'id il-kunsill u fil-ġranet li ġejjin ser jibdew id-diskussjonijiet biex jinħarġu s-sejħiet għal offerti neċessarji biex dan is-sit jibda' jiġi żvilluppat skond il-permess maħruġ mill-'Planning Authority'.

Dan il-permess inħareġ wara 'clearances' li kien hemm bżonn anke minn naħa tat-TM u ERA fejn wara li nġieb kollox seta l-Perit idaħħal is-submissjoni kif suppost.

**E Korrespondenza :**

Ma kienx hemm

**F Punti Ġenerali :**

Ma kienx hemm

**4.4 Punti mill-Minuti Preċedenti :**

Ma kienx hemm

**4.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku**

Dan il-ħin ma ġiex użat

**4.5b Ħin allokat għas-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera**

Is-Sinjura Maria Sultana m'attendietx għal-laqgħa

**4.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera**

Ħarġa Kulturali li jinkludi kolazzjon b'talk mingħand Professjonist Soċjologu lill- anzjani li attendew għal din il-ħarġa. L-attendenza kienet waħda sabiħa u kienu mal-40 ruħ. L-anzjani anke ħadu sehem f'din id-diskussjoni b'permess ta' 'work groups' fejn għaddew nofs ta' nhar pjaċevoli.

Is-Sindku ssuġġerixxa lill-Speranza Chircop sabiex il-post fejn nagħmlu l-korsijiet, ittih iktar il-ħajja permezz ta' 'talks' lill- anzjani organizzazjoni ta' quddies fil-kapella viċin , wara ssir xi 'talk' b'naqra 'sandwiches' u qisu tiġi bħal 'day care centre' fl-istess ħin għal anzjani interessati li jinqgħadu ma' dawn l-inizjattivi.

Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill dwar hargiet skedati fil qarib futur :

- 18 ta' Mejju ħarġa Kulturali b'talk inkluża fuq id-'dementia' .
- 27 ta' April ħarġa Kulturali ġewwa Għawdex. Żjara għal wirja li anke resident Kalkariż qed jieħu sehem.
- 2 ta' Lulju safra lejn Sqallija qed tiġi organizzata

**4.5 d Ħin allokat għas-Sur Christopher Bruno– Kunsillier**

Dan il-ħin ma ġiex użat

**4.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

4.6.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

4.6.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 4.22

**4.7 Mozzjonijiet**

Il- Kunsill qabel unanimament illi is-Sinjura Speranza Chircop għandha tixtri token zghar biex jinghataw lill -anzjani waqt iż-żjarat li qed tippjana li tagħmel fl-okkażżjonijiet ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.

**4.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

4.8.1 Is-Seduta ntemmet fil 17:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Mejju 2022 fl-4:00 ta' wara Nofsinhar.

Konfermati, illum ________________________________

________________ ________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv